# X'aktarx li l-Imnarja bdiet tiġi ċċelebrata qabel il-Kavallieri

P. Hermann Duncan
O.Carm


L-Appostli San Pietru u San Pawl, il-protagonisti ewlenin tal-festa tal-Imnarja

Waħda mill-ikbar festi f'pajjiżna li għadha tiġi ċċelebrata bil-kbir illum, hi ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Imnarja illi fiha niċċelebraw lill-Appostli San Pietru u San Pawl.

Il-poplu jiftakar li Pietru ntgħażel biex imexxi l-Knisja wara li Kristu tela' s-sema, filwaqt li Pawlu qatta' tliet xhur fi gżiritna u wellidna fir-reliġjon Nisranija. Għandna żewġ tifkiriet kbar f'Malta, il-grotta ta' San Pawl fir-Rabat, li żewġ Papiet żaru meta ġew Malta, u l-Katidral fejn ifakkarna fil-palazz ta' Publju.

## Ir-Rumani

Il-festa tal-Imnarja fid-29 ta' Ġunju, tmur lura ħafna fiż-żmien, aktarx qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta. Ir-Rumani kienu jiċċelebraw festa msejħa *Luminaria*, li bil-Malti saret magħrufa bħala *Imnarja*. L-isem *Luminaria* ġej mill-fatt li fil-lejl tal-festa kienu jinħarqu għadd ta' fjakkoli u ħġejjeġ fuq is-swar u l-bejt tal-Katidral tal-Imdina li jiċċelebra l-festa solenni ta' San Pietru u San Pawl li kienu dawl għall-Knisja kollha.


Wirjiet ta' ħxejjex u frott sinonimi mal-Imnarja

L-Imnarja, tissejjaħ il-festa tal-bdiewa li kienet taħbat propju wara l-ħsad, fejn huma kienu jieħdu mistrieħ mix-xogħol iebes tagħhom, u ssir il-Buskett, ir-Rabat fejn il-maġġoranza tan-nies kienu bdiewa. Din il-festa żdiedet fil-kobor tagħha fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. Fl-Arkivji tal-Ordni nsibu li hemm dokument fejn jgħid li s-Sultan Pinto kabbar is-solennità tal-Imnarja billi kien jieħu sehem fiha, bħala l-Prinċep tal-gżira.

Naraw li fl-imgħoddi f'lejlet il-festa, il-bdiewa kienu jimteddu fis-Saqqajja jistennew l-għada, biex jisimgħu l-Quddiesa tal-Imnarja, u jistennew biex jaraw il-purċissjoni toħroġ mill-Katidral immexxija mill-Arċisqof u l-Monsinjuri tal-Katidral.

## It-tiġrija

Il-qofol tal-Imnarja, kienet it-tiġrija, fejn kien isir it-tluq mil-loġġa tal-Imħallfin, u wara jitqassmu l-paljijiet tal-ħarir. Qabel kienu jiġru l-irġiel u t-tfal, iżda llum jieħdu sehem biss iż-żwiemel u d-dwieb.

Aktar tard meta twaqqfet is-soċjeta agrarja *Società Economico-Agraria del Gruppo di Malta*, fl-1844, li bdiet tmexxi l-industrija Maltija msejsa fuq il-biedja, l-annimali, frott, ħxejjex, għasel u ġobon, il-bdiewa bdew jiltaqgħu kollha r-Rabat fejn bdew jitqassmu premjijiet biex jippromwovu l-kummerċ. Maż-żmien f'din il-festa żdied ukoll l-għana bil-kitarri, u l-banda tar-Rabat bdiet tieħu sehem.

Din il-festa għandha rabta maż-żwieġ meta n-Nutar kien jiġi biex jagħmel il-kitba taż-żwieġ fejn l-għarus kien iħallas xi somma flus lill-missier skont il-ftehim. Dan il-ftehim jorbot ukoll lill-għarus biex joħroġ lill-futura martu għall-festi ta' San Girgor, San Ġwann u din l-imsemmija festa billi fl-antik ftit kien hemm okkażjoni speċjali biex il-miżżewġin ġodda jistgħu jiddevertu.

> Familji sħaħ kienu jerħulha għar-Rabat fuq il-karettun tagħhom fejn kien jiżżejjen bil-pjumi tal-qasab jew xi fergħa ta' ward u weraq fuq ras il-bhima u x-xedd

## Iċ-ċurkett

Għandna qawl Malti li jgħid: *Tweġħidhiex l -Imnarja għax tagħmel l-arja*. Fiha kienu jilbsu l-istess libsa tat-tieġ. Kienu jmorru ż-żewġ familji tal-għarrajjes bil-ħbieb ta' ġewwa. L-għarusa kienet tixrob ftit *ċomnota* bħalha tifsira ta' kliem ħelu fuq fommha. Din iċ-*ċomnota* kienet tikkonsisti minn taħlita ta' ħwawar aromatiċi misħuqa fil-mehrież bil-għasel simbolu tal-fertilità.

L-għarus kien jagħtiha ċ-ċurkett lill-għarusa, u l-istess kienu jagħmlu ż-żewġ familji billi jagħtu xi oġġetti prezzjużi jew xi lbies fin lil xulxin. F'din ir-rabta ċ-ċurkett kellu għamla ta' żewġ idejn iġorru 'l xulxin, u jissemma l-maktur magħmul mill-bizzilla. Wara ż-żwieġ l-għarajjes ma kinux jiltaqgħu u jitkellmu, u qabel it-tieġ ma kienx jista' jkellimha u kien jgħaddi quddiem xi tieqa ta' dahra bit-tama li tittawwal.

Kien xi drabi jgħanni jew iqabbad xi għannej. Insibu bosta għanjiet marbutin mal-imħabba f'għamla ta' kwartini qosra tip ta' għana msawwar fuq il-ħsieb tal-mument. Dan ma kienx miktub, iżda kien jissawwar dak il-ħin stess, u għadhom jiftakruh bosta mix-xjuħ tagħna. Din hi waħda mill-għanjiet li kienet tindaqq.

*Ħanini mur u ħallini*
*Issa x'nagħmel biex ninkih*
*Naqla' wieħed isbaħ minnu*
*Minn quddiemu ngħaddi bih.*
*Żewwiġni ommi żewwiġni*
*Żewwiġni fizzjal Ingliż*
*Għax il-Malti jrid id-dota*
*U jien dota le m'għandix.*

Tajjeb nosservaw li ftit hemm għana tal-Imħabba wara ż-żwieġ. Barra l-għarajjes rajna li familji sħaħ kienu jerħulha għar-Rabat fuq il-karettun tagħhom fejn kien jiżżejjen bil-pjumi tal-qasab jew xi fergħa ta' ward u weraq fuq ras il-bhima u x-xedd. Wara nżul ix-xemx, il-poplu kien jinġabar lejn daru fost ferħ kbir l-aktar jekk kun rebaħ xi premju.